IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.11.2009
KUMM(2009)629 finali

Proposta emendata għal

REGOLAMENT (KE, EURATOM) TAL-KUNSILL

li jaġġusta mill-1 ta' Lulju 2009 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Bħal ma jsir kull sena, skont l-Artikolu 3 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni bbażata fuq rapport tal-Eurostat, għandu jiddeċiedi qabel l-aħħar tas-sena dwar l-aġġustament tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet, b'seħħ mill-1 ta' Lulju.

Il-Kummissjoni adottat il-proposta COM (2009) 603 fid-29 ta' Ottubru 2009. Madankollu, wara li l-proposta ġiet adottata, il-Belġju u r-Renju Unit ikkorreġew id-dejta statistika tagħhom u din il-korrezzjoni taqa' fi ħdan il-perjodu imsemmi fl-Artikolu 1(4)(a) tal-Anness XI mar-Regolamenti tal-Persunal. B'hekk l-ammont tal-aġġustament annwali żdid b'punt ta' persentaġġ ta' 0.1 għal 3.7%. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li temenda l-proposta adottata sabiex tikkunsidra dawn il-korrezzjonijiet.

Il-kuntest ġenerali

B'konformità mal-Artikolu 3 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, l-aġġustament tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet jirriżulta direttament mill-bidliet fil-kapaċità ta' akkwist tal-pagi fis-servizzi ċivili nazzjonali (indikatur speċifiku), il-bidliet fl-għoli tal-ħajja fi Brussell (Indiċi Internazzjonali) u kif ukoll il-paritajiet ekonomiċi stabbiliti mill-Eurostat.

Il-miżuri tal-indikatur speċifiku jinbidel fir-rimunerazzjoni netta, eskluż mill-inflazzjoni, tal-ħaddiema fis-servizz ċivili nazzjonali fil-gvernijiet ċentrali tal-Istati Membri. Eurostat ikkalkola dan l-indikatur fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mit-tmien Stati Membri msemmija fl-Artikolu 1(4) tal-Anness XI.

Il-miżuri tal-Indiċi Nazzjonali ta' Brussell jinbidel fi Brussell għall-Uffiċjali tal-Komunità. L-Eurostat iddetermina dan l-indiċi fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Belġjani.

Il-paritajiet ekonomiċi għar-rimunerazzjonijiet jistabbilixxu l-ekwivalenzi tal-kapaċità ta' akkwist tar-rimunerazzjonijiet imħallsa fi Brussell, bħala l-belt ta' referenza, ma' dik imħallsa fil-lokalitajiet l-oħra kkonċernati. Il-Eurostat ikkalkula dawn il-paritajiet bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika.

Il-paritajiet ekonomiċi għall-pensjonijiet jistabbilixxu l-ekwivalenzi tal-kapaċità ta' akkwist tal-pensjonijiet imħallsa fil-Belġju, bħala l-pajjiż ta' referenza, ma' dawk imħallsa fil-pajjiżi l-oħra ta' residenza. Il-Eurostat ikkalkula dawn il-paritajiet bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-proposta hi ppreżentata kull sena biex ikunu aġġustati r-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet.

Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni

Mhux applikabbli

KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-metodi ta' konsultazzjoni użati, is-setturi prinċipali koperti u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

L-elementi tal-proposta kienu diskussi mar-rappreżentanti tal-persunal skont il-proċeduri xierqa.

Sinteżi tat-tweġibiet riċevuti u tal-mod kif kienu kkunsidrati

Il-proposta tikkunsidra l-opinjonijiet mogħtija mill-partijiet ikkonsultati.

Ġbir u użu ta' kompetenzi

Ma kien hemm l-ebda ħtieġa ta' kompetenzi esterni.

Valutazzjoni tal-impatt

- Il-proposta hi maħsuba biex ikunu adattati r-rimunerazzjonijiet u l-pensjonijiet filwaqt li tkun segwita l-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

- Il-leġiżlazzjoni fis-seħħ ma tippermettix alternattiva oħra.

ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Sinteżi tal-azzjoni proposta

Skont l-Artikolu 1 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Eurostat fassal rapport dwar il-bidliet fl-għoli tal-ħajja fi Brussell, il-bidla fil-kapaċità ta' akkwist fir-rimunerazzjoni tas-servizzi ċivili nazzjonali, kif ukoll il-paritajiet ekonomiċi li minnhom jiġu derivati l-koeffiċjenti korrettivi.

3.1. AĠĠUSTAMENT TAR-RIMUNERAZZJONI U L-PENSJONIJIET FIL-BELĠJU U L-LUSSEMBURGU

Il-bidla medja fil-kapaċità ta' akkwist tar-rimunerazzjoni tal-ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali għall-perjodu ta' referenza mkejla mill-indikatur speċifiku hi ugwali għal 2,8%.

Il-bidla fl-għoli tal-ħajja fi Brussell għall-perjodu ta' referenza mkejla mill-indiċi internazzjonali ta' Brussell ikkalkulat mill-Eurostat hi ugwali għal 0.9%.

Skont l-Artikolu 3(2) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, l-ammont tal-aġġustament jinkiseb billi jkunu multiplikati flimkien l-indikatur speċifiku u l-indiċi internazzjonali ta' Brussell ikkalkulat mill-Eurostat.

L-aġġustament propost lir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet fil-Belġju u l-Lussemburgu huwa għalhekk ta’ 3.7%.

B’konformità mal-Artikolu 3(5) tal-Anness XI, ebda koeffiċjent korrettiv m'hu applikabbli fil-Belġju u lanqas fil-Lussemburgu.

3.2. AĠĠUSTAMENT TAR-RIMUNERAZZJONI U L-PENSJONIJIET BARRA MILL-BELĠJU U L-LUSSEMBURGU

Barra l-Belġju u l-Lussemburgu, l-aġġustamenti tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet jiġu kkalkulati billi jiġi mmultiplikat l-aġġustament fil-Belġju u l-Lussemburgu bil-bidliet fil-koeffiċjenti korrettivi u fir-rati tal-kambju.

Iż-żidiet applikabbli għar-rimunerazzjoni, għall-pensjonijiet u għat-trasferimenti ta’ parti mir-rimunerazzjoni li jidhru fir-Regolamenti ġew ikkalkulati bil-mod li ġej:

- Il-koeffiċjenti korrettivi għall-UFFIĊJALI li jinsabu barra l-Belġju u l-Lussemburgu:

Il-Eurostat ikkalkula, bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, il-paritajiet ekonomiċi li jistabbilixxu fl-1 ta’ Lulju l-ekwivalenzi tal-kapaċità ta' akkwist tar-rimunerazzjoni mħallsa fi Brussell ma' dik imħallsa fil-postijiet l-oħra tax-xogħol.

Il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għar-rimunerazzjoni tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra mpjegati fi Stati Membri barra l-Belġju u l-Lussemburgu huma ddeterminati skont il-proporzjonijiet bejn dawn il-paritajiet ekonomiċi u r-rati tal-kambju applikabbli fl-1 ta’ Lulju.

- Il-Koeffiċjenti korrretivi għall-PENSJONIJIET barra l-Belġju u l-Lussemburgu u l-koeffiċjenti korrettivi għat-TRASFERIMENTI:

Il-Eurostat ikkalkula, bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, il-paritajiet ekonomiċi li jistabbilixxu l-ekwivalenzi tal-kapaċità ta' akkwist tal-pensjoni mħallsa fi Brussell ma’ dik imħallsa fil-pajjiżi l-oħra ta’ residenza applikabbli fl-1 ta’ Lulju.

Il-koeffiċjenti korrettivi kkalkulati għall-pensjonijiet ta’ persuni li joqogħdu f’pajjiżi barra l-Belġju u l-Lussemburgu fid-diversi pajjiżi huma ddeterminati permezz tal-proporzjonijiet bejn dawn il-paritajiet ekonomiċi u r-rati tal-kambju applikabbli fl-1 ta’ Lulju.

Skont l-Artikolu 17 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dawn il-koeffiċjenti korrettivi huma direttament applikabbli għat-trasferimenti tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra.

Skont l-Artikolu 20 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, dawn il-koeffiċjenti korrettivi japplikaw biss għall-pensjonijiet fuq il-parti li tikkorrispondi mad-drittijiet akkwistati qabel l-1 ta’ Mejju 2004.

- Data ta’ dħul fis-seħħ tal-koeffiċjenti korrettivi:

Id-data ta’ dħul fis-seħħ ta' dawn il-koeffiċjenti korrettivi hi l-1 ta’ Lulju għal-lokalitajiet kollha ħlief il-lokalitajiet li għandhom żieda qawwija fl-għoli tal-ħajja, li għalihom il-koeffiċjent korrettiv jidħol fis-seħħ fis-16 ta’ Mejju jekk iż-żieda tal-għoli

tal-ħajja hi aktar minn 6.3 %, jew fl-1 ta’ Mejju jekk din hi aktar minn 12.6%

Il-bidliet fl-għoli tal-ħajja, f’pajjiżi barra l-Belġju u l-Lussemburgu jitkejlu bl-għajnuna ta’ indiċijiet impliċiti. Dawn l-indiċi jinħadmu billi l-Indiċi Internazzjonali ta' Brussell jiġi mmultiplikat bil-bidla fil-paritá ekonomika.

Għal dan l-aġġustament, id-data ta’ dħul fis-seħħ hi antiċipata għal-lokalitajiet imsemmija fir-Regolament.

Bażi legali

Il-bażi legali hija r-Regolamenti tal-Persunal u b’mod partikolari l-Anness XI tiegħu.

Il-Prinċipju ta' sussidjarjetà

Il-proposta tikkonċerna qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Il-Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta hi konsistenti mal-prinċipju ta’ proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

- l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi Regolament tal-Kunsill.

- Il-piż finanzjarju jirriżulta direttament mill-applikazzjoni tal-metodu ta’ aġġustament provdut fir-Regolamenti tal-Persunal.

L-Għażla ta’ strumenti

Strument propost: Regolament.

Strumenti oħra ma kinux ikunu xierqa għar-raġunijiet li ġejjin:

- l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi Regolament tal-Kunsill.

IMPLIKAZZJONIJIET TAL-BAĠIT

L-impatt tal-adattament tar-rimunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet fuq in-nefqa amministrattiva u d-dħul huwa ttrattat fid-dettall fir-rapport finanzjarju anness miegħu.

Proposta emendata għal

REGOLAMENT (KE, EURATOM) TAL-KUNSILL

li jaġġusta mill-1 ta' Lulju 2009 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, stabbiliti bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, b'mod partikolari l-Artikoli 63, 64, 65 u 82 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Annessi VII, XI u XIII tiegħu, kif ukoll l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20, u l-Artikoli 64, 92 u 132 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Sabiex jiggarantixxi li l-kapaċità ta' akkwist tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunità jiżviluppa b'mod parallel għal dak tal-impjegati taċ-ċivil nazzjonali tal-Istati Membri, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet għandhom jiġu aġġustati skont ir-reviżjoni annwali tas-sena 2009,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, id-data tal-"1 ta' Lulju 2008" li tidher fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tiġi sostitwita bid-data tal-"1 ta' Lulju 2009".

Artikolu 2

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, it-tabella tal-pagi bażiċi tax-xahar fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, applikabbli għall-fini tal-kalkolu tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

1/07/2009	SKALA				
GRAD	1	2	3	4	5
16	16.902,14	17.612,39	18.352,49		
15	14.938,67	15.566,42	16.220,54	16.671,82	16.902,14
14	13.203,29	13.758,11	14.336,24	14.735,10	14.938,67
13	11.669,50	12.159,87	12.670,85	13.023,37	13.203,29
12	10.313,89	10.747,30	11.198,91	11.510,48	11.669,50
11	9.115,76	9.498,82	9.897,97	10.173,34	10.313,89
10	8.056,81	8.395,37	8.748,15	8.991,54	9.115,76
9	7.120,87	7.420,10	7.731,90	7.947,02	8.056,81
8	6.293,66	6.558,13	6.833,71	7.023,84	7.120,87
7	5.562,55	5.796,29	6.039,86	6.207,90	6.293,66
6	4.916,36	5.122,95	5.338,23	5.486,75	5.562,55
5	4.345,24	4.527,84	4.718,10	4.849,37	4.916,36
4	3.840,47	4.001,85	4.170,01	4.286,03	4.345,24
3	3.394,33	3.536,97	3.685,60	3.788,13	3.840,47
2	3.000,02	3.126,09	3.257,45	3.348,08	3.394,33
1	2.651,52	2.762,94	2.879,04	2.959,14	3.000,02

Artikolu 3

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għar-rimunerazzjoni tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 2 tat-tabella li jmiss.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2010, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 17(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għat-trasferimenti li jsiru minn uffiċjali u ħaddiema oħra huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 3 tat-tabella li jmiss.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 20(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għall-pensjonijet huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 4 tat-tabella ta' hawn taħt.

B'effett mis-16 ta' Mejju 2009, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal għar-rimunerazzjoni tal-uffiċjali u l-impjegati l-oħra huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 5 tat-tabella li jmiss. Id-data effettiva tal-aġġustament annwali għal dawk il-postijiet tax-xogħol għandha tkun is-16 ta' Mejju 2009.

B'effett mil-1 ta' Mejju 2009, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal għar-rimunerazzjoni tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 6 tat-tabella li jmiss. Id-data effettiva tal-aġġustament annwali għal dawk il-postijiet tax-xogħol għandha tkun l-1 ta' Mejju 2009.

PAJJIŻ / POST	Rimunerazzjoni 1.7.2009	Trasferiment 1.1.2010	Pensjoni 1.7.2009	Rimunerazzjoni 16.5.2008	Rimunerazzjoni 1.5.2008
Il-Bulgarija		62,0	100,0	69,2	
Ir-Repubblika Ċeka	88,3	80,4	100,0		
Id-Danimarka	138,7	133,9	133,9		
Il-Ġermanja	98,4	98,8	100,0		
Bonn	98,6				
Karlsruhe	95,9				
Münich	106,1				
L-Estonja	82,1	79,6	100,0		
Il-Greċja	94,2	93,5	100,0		
Spanja	99,4	93,5	100,0		
Franza	115,8	108,5	108,5		
L-Irlanda	114,7	110,6	110,6		
l-Italja	110,6	106,5	106,5		
Varese	97,1				
Ċipru	88,7	91,5	100,0		
Il-Latvja	84,5	77,1	100,0		
Il-Litwanja	76,5	71,0	100,0		
L-Ungerija	81,8	70,9	100,0		
Malta	85,5	86,2	100,0		
L-Olanda	109,3	101,1	101,1		
L-Awstrija	106,9	105,9	105,9		
Il-Polonja		64,0	100,0	72,2	
Il-Portugall	87,8	87,2	100,0		
Ir-Rumanija		59,1	100,0		69,3
Is-Slovenja	90,8	86,3	100,0		
Is-Slovakkja	84,3	79,0	100,0		
Il-Finlandja	121,3	116,6	116,6		
L-Iżvezja		98,0	100,0	102,8	
Ir-Renju Unit		100,3	100,3	120,3	
Culham	96,5				

Artikolu 4

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, l-ammont tal-allowance għal-liv tal-ġenituri msemmi fit-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 910,82 u EUR 1214,42 għal familji b'ġenitur wieħed.

Artikolu 5

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, l-ammont bażiku għall-allowance għall-familja msemmija fl-Artikolu 1(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 170,35.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, l-ammont għall-allowance għat-tfal dipendenti msemmija fl-Artikolu 2(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 372,24.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, l-ammont għall-allowance għall-edukazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta’ EUR 252,56.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, l-ammont għall-allowance għall-edukazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 3(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta’ EUR 90,93.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, l-ammont minimu tal-allowance għall-espatrijazzjoni msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tiegħu għandu jkun ta' EUR 504,89.

B'effett mill-14 ta' Lulju 2009, il-limitu minimu għall-allowance għall-espatrijazzjoni msemmija fl-Artikolu 134 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra għandu jkun ta' EUR 362,95.

Artikolu 6

B'effett mill-1 ta' Jannar 2010, l-allowance għall-kilometraġġ imniżżel fl-Artikolu 8(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tinbidel kif ġej:

EUR 0 għal kull kilometru bejn	0 u 200 km
EUR 0,3786 għal kull kilometru bejn	201 u 1,000 km
EUR 0,6310 għal kull kilometru bejn	1 001 u 2 000 km
EUR 0,3786 għal kull kilometru bejn	2 001 u 3 000 km
EUR 0,1261 għal kull kilometru bejn	3 001 u 4 000 km
EUR 0 0608 għal kull kilometru bejn	4 001 u 10 000 km
EUR 0 għal kull kilometru 'l fuq minn	10 000 km.

Ma' din l-allowance għal kull kilometru għandu jingħadd suppliment b'rata fissa, li jammonta għal:

– EUR 189,29 jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post tal-impjieg u l-post tal-oriġini hija bejn 725 km u 1 450 km;

– EUR 378,55 jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post tal-impjieg u l-post tal-oriġini hija aktar minn 1 450 km.

Artikolu 7

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, l-ammont għall-allowance għall-għajxien ta' kuljum imsemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta':

– EUR 39,13 għall-uffiċjali li għandhom dritt għall-allowance tal-familja;

– EUR 31,55 għall-uffiċjali li m'għandhomx dritt għall-allowance tal-familja.

Artikolu 8

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, il-limitu minimu għall-allowance għall-istallazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra huwa ta':

– EUR 1113,88 għal ħaddiem intitolat għall-allowance tal-familja;

– EUR 662,31 għal ħaddiem li mhuwiex intitolat għall-allowance tal-familja.

Artikolu 9

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, għall-allowance għall-qgħad imniżżla fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28a(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, il-limitu minimu għandu jkun ta' EUR 1335,85, il-limitu massimu għandu jkun ta' EUR 2671,72 u l-allowance standard għandha tkun ta' EUR 1214,42.

Artikolu 10

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, it-tabella tas-salarji bażiċi ta' kull xahar fl-Artikolu 93 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

FUNZJONI	1/07/2009	SKALA						
GRUPP	GRAD	1	2	3	4	5	6	7
IV	18	5.826,60	5.947,77	6.071,45	6.197,71	6.326,60	6.458,17	6.592,47
	17	5.149,70	5.256,79	5.366,11	5.477,70	5.591,61	5.707,90	5.826,60
	16	4.551,44	4.646,09	4.742,71	4.841,34	4.942,01	5.044,79	5.149,70
	15	4.022,68	4.106,33	4.191,73	4.278,90	4.367,88	4.458,72	4.551,44
	14	3.555,35	3.629,29	3.704,76	3.781,80	3.860,45	3.940,73	4.022,68
	13	3.142,31	3.207,66	3.274,36	3.342,46	3.411,96	3.482,92	3.555,35
III	12	4.022,61	4.106,26	4.191,65	4.278,81	4.367,79	4.458,61	4.551,33
	11	3.555,31	3.629,24	3.704,71	3.781,75	3.860,39	3.940,66	4.022,61
	10	3.142,29	3.207,64	3.274,34	3.342,43	3.411,93	3.482,88	3.555,31
	9	2.777,26	2.835,01	2.893,97	2.954,14	3.015,57	3.078,28	3.142,29
	8	2.454,63	2.505,67	2.557,78	2.610,97	2.665,26	2.720,68	2.777,26
II	7	2.777,20	2.834,96	2.893,93	2.954,12	3.015,56	3.078,28	3.142,31
	6	2.454,51	2.505,56	2.557,68	2.610,87	2.665,18	2.720,61	2.777,20
	5	2.169,32	2.214,44	2.260,50	2.307,51	2.355,51	2.404,50	2.454,51
	4	1.917,26	1.957,14	1.997,84	2.039,40	2.081,82	2.125,12	2.169,32
I	3	2.361,91	2.410,93	2.460,97	2.512,05	2.564,18	2.617,40	2.671,72
	2	2.088,03	2.131,37	2.175,60	2.220,76	2.266,85	2.313,89	2.361,91
	1	1.845,91	1.884,22	1.923,33	1.963,24	2.003,99	2.045,58	2.088,03

Artikolu 11

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, il-limitu minimu għall-allowance għall-istallazzjoni msemmija fl-Artikolu 94 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra għandu jkun ta':

– EUR 837,82 għal ħaddiem intitolat għall-allowance tal-familja;

– EUR 496,72 għal impjegat li mhuwiex intitolat għall-allowance tal-familja.

Artikolu 12

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, il-limitu minimu għall-allowance għall-qgħad imsemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 96(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra, għandu

jkun ta' EUR 1001,90, il-limitu massimu għandu jkun ta' EUR 2001,85 u l-allowance standard għandha tkun ta' EUR 910,82.

B'effett mit-13 ta' Lulju 2009, għall-allowance għall-qgħad imsemmija fl-Artikolu 136 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra, il-limitu minimu għandu jkun ta' EUR 881,45 u l-limitu massimu għandu jkun ta' EUR 2 074,00

Artikolu 13

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, l-allowances għal xogħol bix-xift kif stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76[1] għandhom ikunu ta' EUR 381,79, EUR 576,26, EUR 630,06 u EUR 858,98.

Artikolu 14

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, l-ammonti li jidhru fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68[2] għandhom ikunu soġġetti għal koeffiċjent ta' 5,511255.

Artikolu 15

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, it-tabella fl-Artikolu 8(2) tal-Anness XIII għar-Regolamenti tal-Persunal għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

1/07/2009	SKALA							
GRAD	1	2	3	4	5	6	7	8
16	16.902,14	17.612,39	18.352,49	18.352,49	18.352,49	18.352,49		
15	14.938,67	15.566,42	16.220,54	16.671,82	16.902,14	17.612,39		
14	13.203,29	13.758,11	14.336,24	14.735,10	14.938,67	15.566,42	16.220,54	16.902,14
13	11.669,50	12.159,87	12.670,85	13.023,37	13.203,29			
12	10.313,89	10.747,30	11.198,91	11.510,48	11.669,50	12.159,87	12.670,85	13.203,29
11	9.115,76	9.498,82	9.897,97	10.173,34	10.313,89	10.747,30	11.198,91	11.669,50
10	8.056,81	8.395,37	8.748,15	8.991,54	9.115,76	9.498,82	9.897,97	10.313,89
9	7.120,87	7.420,10	7.731,90	7.947,02	8.056,81			
8	6.293,66	6.558,13	6.833,71	7.023,84	7.120,87	7.420,10	7.731,90	8.056,81
7	5.562,55	5.796,29	6.039,86	6.207,90	6.293,66	6.558,13	6.833,71	7.120,87
6	4.916,36	5.122,95	5.338,23	5.486,75	5.562,55	5.796,29	6.039,86	6.293,66
5	4.345,24	4.527,84	4.718,10	4.849,37	4.916,36	5.122,95	5.338,23	5.562,55
4	3.840,47	4.001,85	4.170,01	4.286,03	4.345,24	4.527,84	4.718,10	4.916,36
3	3.394,33	3.536,97	3.685,60	3.788,13	3.840,47	4.001,85	4.170,01	4.345,24
2	3.000,02	3.126,09	3.257,45	3.348,08	3.394,33	3.536,97	3.685,60	3.840,47
1	2.651,52	2.762,94	2.879,04	2.959,14	3.000,02			

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal allowances għal xogħol bix-xift, u r-rati u l-kondizzjonijiet tagħhom (ĠU L 38, 13.2.1976, p.1). Ir-Regolament kif issupplimentat bir-Regolament (KEE, KEFA, Euratom) Nru 1307/87 (ĠU L 124, 13.5.1987, p. 6).

[2] Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta Frar 1968 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, tal-4.3.1968, p. 8).

Artikolu 16

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-ammont tal-allowance fissa msemmija fl-Artikolu 4a preċedenti tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandu jkun ta':

- EUR 131,71 fix-xahar għall-uffiċjali fi gradi C4 jew C5;

- EUR 201,94 fix-xahar għall-uffiċjali kklassifikati fil-gradi C1, C2 jew C3.

Artikolu 17

B'effett mit-13 ta' Lulju 2009, it-tabella tas-salarji bażiċi ta' kull xahar fl-Artikolu 133 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Grad	1	2	3	4	5	6	7
Paga bażika full-time	1.679,08	1.956,12	2.120,85	2.299,45	2.493,09	2.703,03	2.930,66
Grad	8	9	10	11	12	13	14
Paga bażika full-time	3.177,45	3.445,03	3.735,14	4.049,67	4.390,70	4.760,44	5.161,33
Grad	15	16	17	18	19		
Paga bażika full-time	5.595,96	6.067,21	6.578,13	7.132,08	7.732,68		

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) li jaġġusta mill-1 ta' Lulju 2009 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom.

2. QAFAS ABM / ABB

Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernati u attività/jiet assoċjati magħha/hom:

L-oqsma u l-attivitajiet huma kollha potenzjalment ikkonċernati.

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Il-linji tal-baġit (il-linji operattivi u l-linji ta' għajnuna teknika u amministrattiva relatati (eks-linji B..A)) inklużi l-Intestaturi:

Nefqa: XX.01.01.01 Il-Kummissjoni u l-Kapitolu 11 Istituzzjonijiet oħra, il-Kapitolu 42 Nefqa Relatata mal-Assistenti Parlamentari.

Dħul: 400 - Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-allowances tal-uffiċjali, ħaddiema oħra u persuni li jirċievu pensjoni, 404 – Dħul mit-taxxa speċjali fuq is-salarji tal-membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u impjegati oħra b'impjieg attiv, 410 – Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni.

3.2. Tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

Indefinit

3.3. Karatteristiċi tal-baġit:

Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa		Ġdid	Kontribuzzjoni tal-EFTA	Parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati	Intestatura fil-Perspettiva Finanzjarja
XX.01.01.01, Kapitoli 11, 42	Nefqa mhux obbligatorja	NDA[3]	LE	LE	LE	**Nru 5**

[3] Minn issa 'l quddiem l-approprjazzjonijiet mhux differenzjati se jissejħu NDA

4. ĠABRA FIL-QOSOR TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi finanzjarji

4.1.1. Ġabra fil-qosor tal-approprjazzjonijiet għall-impenji (AI) u tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (AĦ)

miljuni ta' EUR (sat-3 punt deċimali)

Tip ta' nefqa	Taqsima Nru		Is-sena 2009	2010	2011	2012	2013	L-2014 u wara	Total
Nefqa operattiva[4]									
Approprazzjonijiet għall-impenji (AI)	8.1.	a							
Approprazzjonijiet għall-ħlasijiet (AĦ)		b							
Nefqa amministrattiva fi ħdan l-ammont ta' referenza[5]									
Għajnuna teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c							
TOTAL REFERENCE AMOUNT									
Approprjazzjonijiet għall-Impenji		a+c							
Approprjazzjonijiet għall-Ħlasijiet		b+c							
Nefqa amministrattiva li mhix inkluża fl-ammont ta' referenza[6]									
Riżorsi umani u nfiq assoċjat (NDA)	8.2.5.	d	97.1	194.6	194.6	194.6	194.6	194.6	n/a
Spejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	e							
Total indikattiv tan-nefqa ta' intervent									
TOTAL tal-AI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+c+d+e	97.1	194.6	194.6	194.6	194.6	194.6	n/a
TOTAL tal-AĦ, inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		b+c+d+e	97.1	194.6	194.6	194.6	194.6	194.6	n/a

Dettalji dwar kofinanzjament

Mhux applikabbli

4.1.2. Kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju

☒ Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

---

4 Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

5 Nefqa fi ħdan l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

6 Nefqa fi ħdan il-Kapitolu xx 01 ħlief għall-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

☐ Din il-proposta se tkun tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' tirrikjedi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[7] (jiġifieri, strument tal-flessibbiltà jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-Dħul

☐ Il-proposta m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul

☒ Il-proposta 'għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul hu dan li ġej:

EUR miljun (sa punt deċimali)

		Qabel l-azzjoni 2009	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tal-baġit	Dħul		2009	2010	2011	2012	2013	2014
410 kontribut tal-Pensjoni	**a) Dħul f'termini assoluti**	***351.2***	***357.8***	***364.3***	***364.3***	***364.3***	***364.3***	***364.3***
	b) Bidla fid-dħul	**Δ**	***6.6***	***13.1***	***13.1***	***13.1***	***13.1***	***13.1***
400 -Taxxa	**a) Dħul f'termini assoluti**	***440.7***	***449.0***	***457.1***	***457.1***	***457.1***	***457.1***	***457.1***
	b) Bidla fid-dħul	**Δ**	***8.3***	***16.4***	***16.4***	***16.4***	***16.4***	***16.4***
404 Taxxa speċjali	**a) Dħul f'termini assoluti**	***44.9***	***45.8***	***46.6***	***46.6***	***46.6***	***46.6***	***46.6***
	b) Bidla fid-dħul	**Δ**	***0.9***	***1.7***	***1.7***	***1.7***	***1.7***	***1.7***

4.2. Riżorsi Umani FTE (inklużi uffiċjali, temporanji u aġenti esterni) - ara d-dettal taħt punt 8.2.1.

Mhux applikabbli

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

5.1. Ħtieġa li trid tintlaħaq f'terminu qasir jew twil ta' żmien

Obbligu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal.

5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Komunità u koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u sinerġija possibbli

Mhux applikabbli

[7] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM

Mhux applikabbli

5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

☒ ***Ġestjoni Ċentralizzata***

☐ direttament mill-Kummissjoni PMO PMO

☐ indirettament b'delega lil:

☐ Aġenziji Eżekuttivi

☐ Entitajiet maħluqa mill-Komunitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju

☐ entitajiet pubbliċi nazzjonali/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku.

☐ ***Ġestjoni mqassma jew deċentralizzata***

☐ ma' Stati Membri

☐ ma' Pajjiżi Terzi

☐ ***Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika liema)***

Kummenti:

6. KONTROLL U EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' Sorveljanza

Mhux applikabbli

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

Mhux applikabbli

6.2.2. Miżuri li ttieħdu wara evalwazzjoni intermedjarja/ex-post (it-tagħlimiet meħuda fil-passat minn esperjenzi simili)

Mhux applikabbli

6.2.3. Termini u frekwenza ta' valutazzjoni ġejjiena

Evalwazzjoni fl-aħħar tar-raba' sena minn Lulju 2004.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Mhux applikabbli

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

Mhux applikabbli